# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

13 ta' Awwissu, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis- 11.28am

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 15

15.1. Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji
15.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti
15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti preċidenti Nru. 14;
15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
15.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
15.6 Attivitajiet – Ta' Sannat Beer Festival 2025;
15.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
15.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 14

9.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.14 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 15.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

15.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal li *settling out* ta' Triq Xamghan issa sar, u ġew immarkati l-livelli fuq il-post. Baqa' xi ftit problema żgħar, imma s-sindku qal li huwa fiduċjuż li dawn se jissolvew u għalhekk il-perit ser jiltaqa' ma' l-awtorita ta' l-ippjanar flimkien mal-kuntrattur fuq il-post imsemmi. Is-sindku semma wkoll li kien hemm xi individwi li għamlu xi mandat ta' inibizzjoni fuq il-livelli, biss pero' suppost ġew ukoll *thrashed* u eventwalment ix-xogħol għandu jibda. Is-sindku wkoll jinsab f'diskussjonijiet biex tingħata kisja waħda tarmac fi triq faċċata tal-mużew li tagħti għal wara ta' Triq Xamgħan. Il-kunsilliera Galea qalet li f'din l-eventwalita' ikun hemm inqas abbużi ta' rimi ta' skart u jinqata' t-trab. Il-kunsillier Bajada saqsa lis-sindku jekk is-servizzi humiex mgħoddija, bis-sindku jwieġeb li servizzi hemm mgħoddijin, ħlief li jridu jiċċekjaw jekk id-dranaġġ mgħoddi hux ikkomunikat skond l-istandards ta' l-korporazzjoni ta' l-ilma.

15.3.2 Rigward il-kameras tas-sigurta, is-sindku kellem lill-inġinier biex jitwaħħlu dawn l-imsemmija kameras, peress li l-kunsill kien applika għal estensjoni sa' l-aħħar ta' dan ix-xahar. L-inġinier saqsa fuq it-tenders li ħarġu rigward dawn il-kameras, Il-kunsill kien aġġudika l-ewwel tender li nħarġet u bħala kunsill għadhom iridu jiġġudikaw it-tieni tender li kien ħareġ, biex jaraw min se jkun l-aħjar offerent.

15.3.3 Is-sindku semma li minħabba li għaddejjin ix-xogħlijiet fi triq il-Qasam, ir-*rubber barriers* ma twaħħlux mar-*roundabout* int hu dieħel ta' Sannat. Għalhekk, il-kunsill iddeċieda li temporanjament jagħmel barriers tal-ħadid, biex it-trakkijiet ma jsibux diffikulta biex iduru. Is-sindku, personalment, f'isem il-kunsill waħħal zewġ bozoz ma' dawn il-barriers, pero', sfortunatament, waħda mill-bozoz ġiet nieqsa. Is-sindku ma għamilx rapport mal-pulizija, peress li ma' tiswiex ħafna flus, imma semmieha biex tkun on the *records*. Il-kunsilliera Galea issuġġeriet li forsi jitwaħħlu xi *reflectors* jew anki kif semma il-kunsillier

Bajada *tape fluorescent* jew anki jeżisti xi *spray*. Is-sindku qal li se jaraw fuq dawn il-possibilitajiet.

15.3.4 Fuq Triq Tempju ta’ l-Imramma, bdew ix-xogħlijiet tas-servizzi. Wara se jibdew is-servizzi fi Triq Dun Luqa, il-parti l-ġdida, ma kienx hemm dranaġġ u ħa jsir. Ser isir xogħol fil-parti ta’ Seguna u Ras in-Newwiela, fejn se jinbiddlu xi servizzi ta’ l-ilma kif ukoll xi servizzi oħra. Bħala kunsill ta’ l-approvazzjoni tiegħu għat-talba mil-Korporazzjoni ta’ l-Ilma, bil-kundizzjoni li jsir il-*full width* tat-triq bit-tarmac u mhux biss il-gandott.

15.3.5 Rigward il-belvedere ta’ Triq it-28 t’April, il-kunsill kien applika għal-fondi maħruġa mid-dipartiment tal-kunsilli lokali. Il-massimu tal-fondi li jistew jingħata ma jaqbisx il-mitt (100,000) elf ewro. Naturalment, dawn il-fondi ma jkoprux l-ispejjez tal-proġett kollu, peress li l-istima tal-perit taqbeż din is-somma. Is-sindku flimkien mas-segretarja eżekuttiva kellhom laqgħa mal-ministeru ta’ Miriam Dalli fejn il-perit tal-kunsill għamel prezentazzjoni ta’ dan il-proġett, liema proġett kien diskuss f’laqgħat preċedenti tal-kunsill. S’issa, il-kunsill għadu ma rċiviex approvazzjoni li ser jingħata fondi addizzjonali biex ikun jista’ jsir dan il-proġett. Is-sindku fakkar li l-kunsill diġa’ għandu *period contract* rigward l-eskavar, u għalhekk ma għandhomx bżonn li tinħareġ tender. Bħala permessi fuq dan il-proġett, ma għandhomx bżonn li japplikaw għal *full permit*, u anki l-kunsill diġa għandu id-DNO li jservi għal sentejn. Dan il-proġett jinkludi il-bdil tal-fanali kollha, il-kolonni se jitneħħew, il-ħadid se jersaq lura, biex ikun jistgħu isiru ħwat bl-arbuxelli u l-fjuri staġjonali. Il-kunsillier Bajada saħaq li l-sidien ikollhom aċċess għal l-għelieqi tagħhom, kif ikkonferma is-sindku li dawn ser ikollhom aċċess. Il-viċi sindku fakkar f’talba li saret ftit ilu minn sid ta’ għalqa biex ikollu aċċess għal l-għalqa tiegħu, liema talba ser tiġi ndirizzata. L-għamara tal-belvedere ser tinbidel ukoll, u ser titħawwel siġra ohra bejn il-bankijiet. Il-kunsilliera qablu li r-rubbish bins ma jridux ikunu fejn il-bankijiet, iżda jkunu jitpoġġew puliti ħdejn l-arbuxelli. Il-viċi sindku semma wkoll l-bin tal-klieb, bis-sindku jgħid li l-ħaddiema tal-kunsill inaddfuh, pero’, xi kultant ma jkunx mimli u ma jibdlux il-borża. Is-sindku semma wkoll li bħala materjal ser jintużaw it-trevertin biex jikkumplimenta mal-pjazza u anki bħala kurduna se tkun tal-porfido. Il-kunsill qed jipprova wkoll li jsiru katusi minn taħt il-bankina, biex jekk jimmaterjalizza l-proġett tal-ġibjun tal-playing field, tkun tista isir tisqija ta’ l-imsemmija arbuxelli u fjuri permezz ta’ irrigazzjoni biex jissaqqa kollox waħdu.

15.3.6 Il-kunsilliera Cassar Sultana għamlet referenza biex jitolbu aktar dawl fil-qasam Ta’ Sannat. Is-sindku reġa’ fakkar, li din it-triq ma taqax fil-konfini tar-responsabilta’ tal-kunsill lokali Ta’ Sannat. Is-sindku għamel din it-talba kemm il-darba waqt il-laqgħat tar-Reġjun t’Għawdex, pero’, dwar il-bdil tal-konfini ma jaqgħux taħt ir-responsabilta’ tar-reġjun. Is-Sindku kompla billi qal li, la l-kunsill tar-Rabat u l-anqas il-kunsill tax-Xewkija m’għandhom interess dirett, għax l-aktar li jużaw din it-triq huma n-nies Ta’ Sannat. Bħala kunsill jistgħu jifhmu, li dawn l-imsemmija kunsilli lokali, jekk ikollhom fondi biex isiru bozoz ġodda, dawn jitwaħħlu fir-raħal partikulari tagħhom. Is-sindku semma wkoll li l-Enemalta għaddew pipe tal-‘’110 waqt li għaddej ix-xogħlijiet bħalissa f’din it-triq, sabiex jekk ikun irid isir xi *street lighting*, l-infrastruttura tkun taħt l-art, u ma jkunx hemm bżonn arbli. La qed isemmu infrastruttura taħt l-art, is-Sindku kellu komunikazzjoni ma’ membru parlamentari li xtara dar f’Ta’ Sannat f’area UCA, fejn għamel is-*service culvert*, bl-ispejjeż kollox. Dan il-membru parlamentari issuġerixxa li f’din it-triq il-cables ikunu mgħoddijin taħt l-art, pero’, is-Sindku saħaq li waqt li parti mir-raħal diġa’ saret l-infrastruttura biex dawn jgħaddu minn taħt, biex isir mar-raħal kollu tinvolvi spejjeż kbar. Is-sindku qal ukoll li *service culvert* ma

jistgħux isiru taħt il-bankina, pero', f'dan il-każ setgħu isiru peress li kellu jwaqqa' parti mid-dar.

15.3.7 Is-Sindku qal ukoll li waqt li kellhom il-laqgħa mal-ministeru ta' Miriam Dalli, semmew ukoll il-proġett tal-ġibjun u l-ħsieb li jkun hemm *parking area* bis-servizz ta' *park and ride*. Is-Sindku saħaq li illum iktar minn qabel, ir-raħal għandu problema ta' *parking* peress li r-raħal Ta' Sannat kiber fil-popolazzjoni kif ukoll skond statistika maħruġa mill-NSO sar ħafna żvilupp ta' bini ta' akkomodazzjoni. Dan il-proġett kien milqugħ tajjeb ħafna mil-ħaddiema tal-ministeru u faħħru ħafna din il-proġett sostenibbli u ambjentali. Is-Sindku semma wkoll li jista' jkun hemm possibilta' li jkun hemm muturi ta' l-elettriku li jkunu jistgħu jintużaw b'sistema diġitalizzata. Isemma wkoll ir-*rain water culvert* li solviet ħafna mill-ilma tax-xita u l-inkonvenjent li kien joħloq għar-residenti.

15.3.8 Il-kunsill rċieva emejl mingħand persuna li għadha kemm xtrat post fi Triq Skerla. Dan l-individwu qed isaqsi lill-kunsill jekk għandux il-ħsieb li titwassa' t-triq, peress li għandu parti mir-residenza b'ħajt tas-sejjieħ li maħruġa 'l barra u hemmhekk għandu parti mil-pool. Dan l-individwu mar biex jagħmel *sanctioning* ta' din il-parti, qalulu li hemmhekk hija parti mil-linja tat-triq. Is-Sindku qal li f'dan il-każ se jitlob parir legali mingħand avukat u l-opinjoni tal-perit biex ikunu jistgħu iwieġbu din l-emejl. Il-*policy* hija ċara, min ikun se jiżvillupa jagħmluhilu ċara li l-permess joħroġ mal-*line building*. Is-sindku fakkar ukoll li l-qorti taf tinterpreta l-policy b'mod differenti, kif ġara f'każijiet partikulari.

15.3.9 Is-sindku rrimarka wkoll li kien hawn xi Maltin, li għaddew ħafna rimarki pożittivi rigward l-indafa li hawn fir-raħal. Minkejja kull kritika, l-kunsill qed jiġi rikonoxxut ta' l-isforzi li qed jagħmlu flimkien mal-ħaddiema tal-kunsill, biex izommu kemm jista' jkun ir-raħal aktar nadif.

## 15.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

15.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet minn naħa tal-kunsilliera.

seasonal

## 15.5 Komunikazzjoni mis-Segretarja Eżekuttiva

15.5.1 Is-segretrarja eżekuttiva bdiet il-komunikazzjoni tagħha billi qalet li hi qed tibgħat iċ-cirkularijiet u l-emejls lill-kunsilliera u fil-fatt għamlitilhom lista ta' emejls li baghtitilhom biex tkun eħfef għal kunsilliera.

15.5.2 Il-kunsill rċieva mingħand ir-Regjun t'Għawdex biex iħeġġeġ lill-Kunsill jekk ikunx interessat li jtella' attivita' marbuta mas-Sustainable Development Action bejn tmintax(18) ta' Settembru u t-tmienja (8) t'Ottubru. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li mhemmx fondi allokati biex tittella din l-attivita', pero' s-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tikkonferma hemmx il-possibilta' min naħa tar-Reġjun li jkun hemm xi tip ta' għajnuna finanzjarja. Is-Sindku qal li bħala Kunsill kien għamlu inizzjattivi simili, u anki darba kienu tefgħu ż-żibel kollu li ġabru mil-kampanja fi Pjazzetta tax-Xelina, biex hekk jitqajjem *awareness* mar-residenti u l-għaqdiet. Dawn l-aħħar żmien qed ikun hemm servizzi varji fejn ir-residenti ikunu jistgħu jiddisponu minn kull tip ta' skart. Marbuta mat-tindif, is-Sindku semma wkoll li nħasslet il-Pjazza Santa Margerita wara li tneħħa l-planċier, kif ukoll il-ħaddiema tal-kunsill neħħew xi ġebel u njam li ħallew meta neħħew il-planċier. Importanti li jinfurmaw lil għaqda ta' l-armar li ma jistgħux iħallu dawn it-tip ta' ġebel, pallets etċ. Xħin iżarmaw mill-armar.

15.5.3 Is-Sa Geraldine talbet biex tiġi *seconded* għal xi post ieħor. Fil-fatt, is-Sindku kellu laqgħa magħha fejn ikkonfermat ix-xewqa tagħha li tmur taħdem post ieħor, peress li qed tħossha eżawsta u *overstressed* wara ħafna snin ta' xogħol fil-kunsill. Id-deċiżjoni ilha li ttieħdet minn naħa tagħha u she ddeċidiet hija personali u b'għafsa ta' qalb, il-Kunsilliera aċċettaw din it-talba mitluba u rringrazzjawha tax-xogħol siewi tagħha. Issa bħala Kunsill, irid joħroġ sejħa b'mod intern, biex imbagħad toħroġ is-sejħa *external*. Is-sindku talab lis-Sa Geraldine, biex xħin jintela' dan il-post vakanti, tagħti l-*handover* lill-persuna l-ġdida, liema talba kienet milqugħa bla riservi minn naħa tas-Sa Geraldine. Il-kunsill approva l-massimu tal-performance bonus dak ta' 10%.

15.5.4 Il-kunsill rċieva invoice minn naħa ta l-għaqda ta' l-armar rigward it-tender li għandhom tat-tindif tal-*playing field*. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet, li skond is-Segretarja Eżekuttiva ta' qabel, din ordnat li t-tender jiġi sospiż minn Jannar li għadda, peress li kienu qed isiru xogħlijiet fil-*playing field*. Is-sindku qal, li għalkemm kien hemm il-*barriers*, xorta kienu qed jidħlu n-nies u t-tindif kien qed isir xorta, inkluż iż-żbir tas-siġar.

15.5.5 Il-Kunsill qed jirċievi it-talbiet ta' sponsorship li l-Kunsill qabel li jingħataw lil diversi għaqdiet marbutin mal-festa ta' Santa Margerita. Il-Kunsilliera wrew id-diżappunt tagħhom għal-fatt, li minkejja li taw għajnuna finanzjarja għall-*Sports Day* imtella mil-paroċċa, il-ġenituri xorta ntalbu biex iħallsu miżata ta' ħames (5) ewro u forsi

kien hemm ġenituri li għandhom iktar minn wild wieħed li jsibu diffikulta' biex iħallsu. Is-Sindku qal li mportanti li jkellmu lill-paroċċa fuq din il-mizata mitluba.

15.5.6 Ir-regjun t'Għawdex informa lill-Kunsill li l-van ma tinżilx Mġarr ix-Xini bl-istudenti mill-Ukranja fit-tlieta u għoxrin (23) t'Awwissu fil-5pm. Il-Kunsilliera ssuġġerew li l-van twaqqafhom fejn il-vilel Ta' Ċenċ u jinżlu bil-mixi. Is-Segretaja Eżekuttiva qalet li r-Reġjun t'Għawdex talab min se jkun magħhom ma' dawn l-istudenti, bis-Sindku jwieġeb li hu se jkun hemm u talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tgħaddi l-mobile number tas-Sindku biex iċemplulu.

15.5.7 Il-group Joy Dance bagħat komunikazzjoni lill-Kunsill b'talba ta' għajnuna finanzjarja marbuta mal-karnival.

15.5.8 12.19pm il-kunsilliera Cassar Sultana ħarġet mill-laqgħa peress li ddikjarat kunflitt ta' interess.

15.5.9 Is-Segretarja Eżekuttiva fakkret li bħala Kunsill iridu joqogħdu attenti fuq il-finanzi tal-Kunsill. Bħala Kunsill, il-Kunsilliera qablu li tingħata għajnuna finanzjarja lil dan il-group, pero', iridu jaraw xħin jasal qrib iż-żmien, il-fondi disponnibli li se jkollu l-kunsill għall-attivitajiet marbuta mal-karnival.

15.5.10 Neil Agius se jagħmel sebgħa dawriet konsekuttivi bl-għawm madwar Għawdex. Il-kunsill ġie nfurmat li fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) ta' Settembru se jieqaf għal ftit ħin Mġarr ix-Xini. Is-sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tikteb b'mod formali li din il-komunikazzjoni riedet tiġi ndirizzata direttament lill-Kunsill Ta' Sannat u mhux tax-Xewkija, peress li Mġarr ix-Xini jaqa' taħt il-konfini tal-Kunsill Ta' Sannat u anki jagħti aktar dettalji fuq din l-inizzjativa.

12.21pm il-Kunsilliera Cassar Sultana terġa tidħol lura għal-laqgħa.

15.5.12 Is-sindku nforma lill-Kunsilliera Cassar Sultana li t-talba ta' dan il-group intlaqet unanimament mill-kunsilliera, pero', ma jistgħux jikkommettu kemm se tkun l-għotja finanzjarja għax iridu jistennew li jgħaddi aktar żmien biex jaraw kemm se jkollu fondi l-Kunsill.

15.5.11 Apparti minn hekk, hemm il-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet marbuta mal-*playing field* li qed jitlob il-ħlas tax-xogħlijiet. Ovvjament, baqa' xi dokumenti li jridu jinġabru. Minnbarra li l-perit irid jiċċertifika x-xogħol, irid jgħaddi ukoll mill-MCAA li jridu jagħtu l-approvazzjoni tagħhom, li x-xogħlijiet huma skond l-istandards mitluba. Meta l-Kunsill ikollu dawn il-garanziji, il-kuntrattur jitħallas tax-xogħlijiet.

Fil-fatt, il-kuntrattur ġie nfurmat b'dan il-proċess biex ikun jista' jitħallas, pero', talab li jkollu parti mil-ħlas peress li x-xogħol diġa' sar.

15.5.12 Is-Segretarja Eżekuttiva kkonfermat li l-*claims* marbuta mal-ħlasijiet tas-sala tal-każin tal-banda ma ġewx preżentati biex il-Kunsill jirċievi l-flus. Is-Sindku qal, li fuq din il-mejda, is-Segretarja Eżekuttiva ta' qabel kienet ikkonfermat li dawn il-*claims* iddaħħlu. Is-Segretarja Eżekuttiva is-Sa Grima, qalet li marret personalment l-uffiċċju ta' L-ARPA u ppreżentat dawn il-*claims*.

## 15.6 Attivitajiet

15.6.1 Nhar is-Sibt sittax (16) t'Awwissu ser jkun hemm il-*Beer Fest* fil-Pjazza Santa Margerita. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsillieri biex jattendu u anki jagħmlu *share* fuq il-paġna tagħhom ta' facebook bħala promozzjoni ta' din l-attivita'. Is-*sound check* ser isir għal-ħabta tas-sagħtejn u nofs (2.30pm) peress li dakinhar se jkun hemm funeral. Il-bankarelli diġa' qegħdin fil-pjazza u ser jibdew jiġu armati nhar il-Ġimgħa li ġejja. Is-Sibt filgħodu ser tingħalaq il-pjazza biex ikun jista' jintrema s-sound, palk etċ u għalhekk Triq Dun Xand Aquilina ser tkun *both ways* u mhux ser ikun hemm uffiċjali ta' Transport Malta, peress li mhumiex disponibbli. Fis-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (7.15pm), imbagħad ser tingħalaq il-pjazza kollha. Importanti li jsir avviż fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill b'dawn l-arranġamenti. Ser ikun hemm tabelli li jiggwidaw lis-sewwieqa u bħala Kunsill iħeġġu li jkun hemm sewqan responsabbli. Is-Sindku qal ukoll li filgħaxija ser ikun hemm ukoll persuni minn Oħlom u Oħloq Vision 2050, fejn ser isaqsu lin-nies fuq l-opinjoni tagħhom fuq il-viżjoni 2050. Is-Sindku kompla jgħid li ser ikun hemm tipi differenti ta' birra, li jinkludi *crafts beer* u *gluten free beer*. Il-kantanti mistiedna għal din l-attivita' ser jagħtu spettaklu sabiħ għal kull min ser jattendi u anki ser ikun jhemm LED screen b'disinni differenti li jkomplu jżejnu l-atmosfera.

15.6.2 Kif kien miftiehem f'laqgħat preċedenti, ser ikun hemm *entertainment* quddiem il-każini minn bands u kantanti lokali kull nhar ta' Ġimgħa. Issa, peress li din il-Ġimgħa hija l-festa ta' Santa Marija, mhux ser ikun hemm entertainment għal din il-Gimgħa, anki għal-fatt ukoll li ser ikun hemm il-Beer Festival l-għada is-Sibt. Is-sindku stieden lill-kunsillieri, li jekk ikun jafu b'xi kantant jew band għal entertainment ta' nhar ta' Ġimgħa, javviċinawh.

15.6.3 Fuq l-attivita tal-Milied marbuta mal-Christmas Market, il-Kunsill iddeċieda li jmexxu d-data il-quddiem għal ħamsa (5), sitta (6) u sebgħa (7) ta' Diċembru, peress li l-*weekend* ta' wara kif kien ippjanat li jsir il-*Christmas Market*, hemm xi ħames (5) kunsilli li ser itellew xi attivitajiet. Din is-sena, ser tittella' *Christmas Parade*, pero' aktar dettalji ser jingħataw il-quddiem kif jiġu ikkonfermati.

15.6.4 Il-Kunsill bħal snin ta' qabel, ser itella' l-attivita' tal-*World Children's Day*. Is-Sindku qal, li bħala Kunsill iridu jaraw meta ser isir u x'attivitajiet huma maħsuba għal dak inhar.

## 15.7 Lmenti u suġġerimenti

15.7.1 B' referenza għall-ilment 77/2025, resident li joqgħod fi Triq Dun Xand Aquilina ilmentat rigward l-biċċa tarmak li saret riċenti quddiem ir-residenza tagħha. Hija ilmentat, li l-elevazzjoni li inħolqot fejn il-biċċa il-qadima tingħaqad mal-biċċa l-ġdida rriżultat biex l-ilma tax-xita jidħol fil-garage. Barra li dan qed ikun ta inkonvenjent, din ir-residenta qed tilmenta li qed isir ħsara fil-propjeta' tagħhom. Is-Sindku qal, li l-kuntrattur irid jiġi, tingħalaq it-triq, titqaxxar dik il-parti u terġa tingħata t-tarmak.

15.7.2 Numru 86/2025 beach cleaner li jaħdem Mgarr ix-Xini innota tabella nieqsa biex ma jorbtux dgħajjes. Is-Sindku kkonferma li kien hemm issue u ġiet solvuta. Huwa ilmenta ukoll rigward bankijiet mkissra.

15.7.3 Numru 87/2025 residenta li toqgħod fi Triq Xabbata ilmentat rigward problema bl-ilma tax-xita li jidħol ġewwa meta tagħmel ix-xita. Ilmentat fuq l-ammont kbir ta' *quad bikes* li jgħaddu minn din it-triq. Hija ssuġġerit biex din it-triq ssir one way. Is-Sindku semma li l-Kunsill għadu għaddej bit-*traffic management* u jerġgħu jiddiskutu din il-possibilta'.

15.7.4 Numru 88/2025 resident talab li ssir *crash barrier* mal-ħajt ta' fuq l-għalqa tiegħu fi Triq il-Kalkara tal-Ġir, dan peress li qegħdin jaħbtu sikwit ġo fih u kull darba jkollu jerġa' jibnih. Is-Sindku qal li f'dan il-każ irid jintalab permess mingħand Transport Malta.

15.7.5 Numru 89/2025 il-Kunsill ircieva *reminder* rigward talba li kienet saret sabiex jitneħħa bank li qiegħed fuq il-bankina quddiem proprjeta' li qed isuru xogħlijiet fiha. Huwa talab li dan jitneħħa sabiex evitattat inkonvenjent u ħsara bla bzonn. Is-Sindku nforma li dan il-bank tneħħa temporanjament.

15.7.6 Numru 90/2025 residenta minn Triq Xagħman staqsiet meta se tkun lesta din it-triq, dan peress li qed tkun inkonvenjent għar-residenti u qed jkollhom ħafna trabijiet ġod-djar tagħhom. Dan l-ilment ġie diskuss kemm il-darba. Il-Kunsill iffaċilita ix-xogħol lill-Ministeru għal Għawdex biex ix-xogħol jimxi aktar malajr, il-Ministeru għal Għawdex, ħareġ il-fondi, it-tenders ġew aġġudikati, pero', issa dejjem qed jistennew il-kuntrattur. Is-sindku rrimarka li dawk il-persuni li jiġu jilmentaw fuq din it-triq, jispjegawlhom il-proċess kollu.

15.7.7 Triq Xagħman quddiem il-mużew għandhom ġimgħa ta' tagħlim u jixtiequ jkunu jafu jekk t-triq hux ser tkun lesta sal-ħmistax (15) ta' Settembru. Il-Kunsill ma jafx eżatt kif se jkunu x-xogħlijiet dakinhar, pero’, il-Kunsilliera qablu li jekk ix-xogħol ikun beda, żgur li mhux se jieqaf u f’dan il-każ is-Sajda Mużewmina isir x’imkien ieħor. Qegħdin jitolbu li ssir kaxxa safra li fiha ikun jista jipparkja biss il-vann tal-Musuem.

15.7.8 Numru 91/2025 residenta li toqgħod fi Triq Paranji talbet li jitranġaw żewġ madumiet fuq il-bankina tagħha dan peress il-kuntrattur m'għamilhomx. Is-Sindku qal li dak it-tip ta’ madum m’għadux jiġi, pero’, se jippruvaw isibu żewġ madumiet minn ximkien u jitwaħħlu.

15,7.9 Numru 92/2025 residenta li toqghod fi Triq Skerla kantuniera ma Triq Barumbara tal-Bies għamlet tlett suġġerimenti. 1) li jsiru *double yellow lines* mal-kantuniera tar-residenza taghha. 2)tixtieq ukoll li jsir disabled parking bay. 3) talbet ukoll li titranga l-bankina issa t-triq ġiet magħmula. Rigward id-*double yellow lines u disabled parking bay* trid isir talba lill-awtoritajiet responsabbli, filwaqt li l-bankina se titranġa.

15..7.10 Il-Kunsilliera Galea resqet ilment mingħand persuna biex isir *double yellow line* fi Triq Xabbata. Il-Viċi Sindku saħaq li qabel il-laqgħa li ġejja jduru dawra mar-raħal biex jaraw li dawk il-*yellow lines* li ġew approvati jsiru.

15.7.11 Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li daħlet talba qabel ma’ bdiet il-laqgħa biex isir bankina, liema talba intbagħtet permezz tas-sistema tal-Ministeru għal Għawdex.

15.7.12 Fuq nota pożittiva, il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet kliem ta’ tifħir fuq il-faċċata ta’ dar fi Pjazzetta tax-Xelina, liema xogħlijiet estetiċi huma sbieħ ħafna u maħdum b’sengħa kbira.

15.7.13 Il-Viċi Sindku daħħal ilment ta’ resident marbut ma’ *dog bin* fi Triq Saguna li mhux qed jitnaddaf u anki talab biex jitneħħa minn quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Sindku qal li bħalissa, l-ħaddiem inkarigat mit-tindif ta’ dik it-triq qijed bil-leave. Il-Viċi Sindku offra personalment li jmur ibiddel il-borża biex jitneħħa dan l-inkonvenjent.

## 15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 08/2025

15.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 08/2025 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mis-sindku Vella. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsilliera Cassar Sultana. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 15.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

15.9.1 Il-laqgħa ntemmet fil-12.54pm u ġiet aġġornata.  Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal L-Erbgħa 17 ta' Settembu fil-1.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Settembru 2025

Firmati

| | |
|---|---|
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarja eżekuttiva |